2025/463

7.3.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/463

tal-5 ta' Marzu 2025

dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 186, flimkien mal-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, il-punt (a)(v) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni 2003/96/KE ([2]), il-Kunsill approva l-konklużjoni tal-Ftehim dwar kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna ([3]) ("il-Ftehim"). Il-Ftehim ġie ffirmat f'Copenhagen fl-4 ta' Lulju 2002 u daħal fis-seħħ fil-11 ta' Frar 2003.

(2) L-Artikolu 12, il-punt (b), tal-Ftehim jipprovdi li l-Ftehim għandu jiġi konklużż għal perjodu inizjali li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2002 u serjista' jiġġedded bi qbil reċiproku bejn il-partijiet għal perjodi addizzjonali ta' ħames snin kull darba.

(3) Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/737/KE ([4]), il-Ftehim b'ħekk iġġedded fit-22 ta' Settembru 2003 għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin. Barra minn hekk, abbażi tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2011/182/UE ([5]), (UE) 2015/344 ([6]) u (UE) 2020/788 ([7]), il-Ftehim iġġedded għal perjodi sussegwenti ta' ħames snin, b'effett retroattiv mit-8 ta' Novembru 2009, mit-8 ta' Novembru 2014 u mit-8 ta' Novembru 2019, rispettivament. L-aħħar tiġdid jiskadi fit-8 ta' Novembru 2024.

(4) L-Ukrajna hija attur importanti fl-oqsma tax-xjenza, t-teknoloġija u l-innovazzjoni fil-viċinat tal-Unjoni. Sabiex ikomplu jiffaċilitaw il-kooperazzjoni f'oqsma prijoritarji komuni tax-xjenza u t-teknoloġija, iż-żewġ partijiet iqisu li jkun fl-interess reċiproku tagħhom li l-Ftehim jiġġedded.

(5) Iż-żewġ partijiet ikkonfermaw li biħsiebhom iġeddu l-Ftehim għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin. Jenħtieġ li l-kontenut tal-Ftehim imġedded jibqa' identiku għall-kontenut tal-Ftehim. Sabiex tkun żgurata l-kontinwità tal-Ftehim, jenħtieġ li t-tiġdid ikollu effett retroattiv mit-8 ta' Novembru 2024.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li t-tiġdid tal-Ftehim jiġi approvat f'isem l-Unjoni.

(7) F'konformità mat-Trattati, jenħtieġ li jenl-Kummissjoni tesprimi l-approvazzjoni tal-Unjoni li ġġedded il-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-tiġdid tal-Ftehim dwar kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna għal perjodu addizzjonali ta' ħames snin huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-tiġdid tal-Ftehim għandu jkollu effett retroattiv mit-8 ta' Novembru 2024.

([1]) Kunsens tal-11 ta' Frar 2025 (għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/96/KE tas-6 ta' Frar 2003 li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna (ĠU L 36, 12.2.2003, p. 31).
([3]) ĠU L 36, 12.2.2003, p. 32.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/737/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jġedded il-Ftehim ta' kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna (ĠU L 267, 17.10.2003, p. 24).
([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/182/UE tad-9 ta' Marzu 2011 li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna (ĠU L 79, 25.3.2011, p. 3).
([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/344 tas-17 ta' Frar 2015 dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna (ĠU L 60, 4.3.2015, p. 37).
([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/788 tad-9 ta' Ġunju 2020 dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar kooperazzjoni fix-xjenza u t-teknoloġija bejn il-Komunità Ewropea u l-Ukrajna (ĠU L 193, 17.6.2020, p. 1).

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tipproċedi, f'isem l-Unjoni, biex tinnotifika lill-Ukrajna li l-Unjoni lestiet il-proċeduri interni tagħha meħtieġa biex tesprimi l-approvazzjoni tal-Unjoni biex iġġedded il-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Marzu 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

T. SIEMONIAK